Il-Ġimgħa 15 ta' Mejju 2020

Għażiż Djarju,

Illum qomt fid-disgħa ta' filgħodu. Ħassejtni ferħana se ntir għax kienet ġurnata ġdida u xemxija. Kont naf li kelli ħafna xogħol tal-iskola li jieħu ħafna ħin imma ma ħallejtux jidħol f'moħħi qabel ma ħadt il-kollazjon tajjeb tiegħi li kien biċ-ċikkulata li ddub ġo ħalqek.

Biddilt ħwejjeġ ifuħu u komdi kollha kuluri, qisni qawsalla, u fl-għaxra bdejt ix-xogħol tal-iskola. L-ewwel iċċekkjajt jekk l-għalliema tawnix xi xogħol diffiċli, interessanti jew ħafif. Forsi min jaf, ma tawni xejn imma ma kontx fortunata daqskemm ħsibt, għax sibt xogħol li se jeħodli ammont impressjonanti ta' ħin. Wara ħafna ħsieb elaborat, iddeċidejt kif ħa nagħmel ix-xogħol wara xulxin u kif l-aħjar u skond meta jkun imissni nuża l-laptop li rrid naqsam ma' ħija u ma' oħti.

L-ewwel għamilt l-eħfef li kelli, li kien it-Taljan. Lestejtu f'xi ħames minuti. Imbagħad għamilt tal-mużika li kelli nikteb ħafna sakemm idejja ma kontx qed inħossha u l-mużika li kelli nisma' ħaditli rasi u qabditni uġigħ ta' ras taqsam. Wara għamilt il-fehim mill-qari tal-Ingliż. Il-qari kien twil tliet paġni imma ħassejtu qisu mhu ħa jispiċċa qatt u

l-mistoqsijiet riedu jkunu mwieġba twal, elaborati u mimlijin informazzjoni.

Sakemm lestejtha kien leħaq wasal ħin l-ikel ta' filgħaxija. Xammejt riħa tfuħ taqsamlek qalbek u mall-ewwel kont naf li ħa nieklu tortellini mimlijin bil-laħam ma' zalza bajda bil-bacon ifuħ u mielaħ, eżatt kif inħobbu jien. Kull nhar ta' Ġimgħa kien imiss lili biex naħsel il-platti allura wara l-ikel tajjeb daqs il-ġelat fis-sajf, ħsilt il-platti maħmuġin tal-ġurnata. Aħna familja ta' ħamsa u kollha nieklu ikel ġmielu allura ħsibt li qatt mhu ħa nispiċċa.

Qabel ma dħalt fis-sodda sħuna u komda tiegħi kien għad fadalli x-xogħol tal-Malti x'nagħmel. Xtaqt nagħmlu l-għada imma l-għalliema sal-lum tagħtulna allura fid-disgħa ta' filgħaxija, b'għajni nofsha rieqda qgħadt nikteb sentenza wara oħra niddeskrivi fid-dettall kull ħaġa interessanti jew ta' dwejjaq li kont għamilt illum. Issa ħa mmur norqod kif jigħid in-nannu: "Qisni możgħa biex għada nqum nirpoża", qabel ma norqod fuq il-laptop iswed tiegħi.

Dejjem tiegħek,

Pamela